**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI ISTRUTTORJA**

**MAGISTRATE DR. ABIGAIL CRITIEN**
**B.A., Trib. Eccl. Melit., LL.M. (Family Law) (Lond), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Audrey Micallef)**

**Vs**

**Anaise Sammut (K.I. 0485397M)**

**Illum il-25 t'April 2023**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront Anaise Sammut, bint Mario Sammut u Antonia nee' Mercieca, mwielda nhar l-4 ta' Diċembru 1997 ġewwa l-Pieta' u residenti f'30, Cherish, Triq Carmelo Robinich, Paola bil-karta tal-identita' numru 0485397M talli fil-lejl ta' bejn it-8 ta' Frar 2023 u d-9 ta' Frar 2023 bejn il-ħinijiet ta' 23.00hrs u 01:00hrs, ġewwa l-fond 30, Cherish, Triq Carmelo Robinich, Paola:

1. Mingħajr il-ħsieb li toqtol jew li tqiegħed il-ħajja tal-eks sieħeb tiegħek Keith Azzopardi li jiġi wkoll missier bintek Ivie Rose Azzopardi, f'periklu ċar, volontarjament, u fil-preżenza tal-minuri Ivie Rose Azzopardi, ikkaġunajt ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa u ċioe' offiża ta' natura ħafifa fuq l-istess Keith Azzopardi u dan permezz ta' strument li jaqta' jew iniggeż, u bil-ponta u, hekk kif iċċertifikatu Dr. Jessica Pavia (M.D. 4451) miċ-ċentru tas-saħħa ta' Raħal Ġdid;

2. Għamilt lil Keith Azzopardi inġurji u / jew theddid mhux imsemmija band'oħra fil-kodiċi Kriminali jew jekk kont pprovokat inġurjajt b'mod li ħriġt barra mil-limiti tal-provokazzjoni.

Rat it-talbiet tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija l-Qorti:

(i) tipprovdi għall-persuna ta' Keith Azzopardi u l-familjari tiegħu jew sabiex jinżamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli għar-reat, torbot lil Anaise Sammut b'obbligazzjoni tagħha nnifisha taħt penali ta' somma ta' flus li tiġi ffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 et seq tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għal żmien li tħoss xieraq u sabiex:

(ii) minbarra li tinfliġġi l-piena stabbilita mill-Liġi, tordna li Anaise Sammut tħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, jekk ikun il-każ, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li l-imputata wieġbet li ma hijiex ħatja tal-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tagħha;

Rat li l-Spettur Audrey Micallef qrat u ħadet ġurament fuq l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-akkużata Anaise Sammut waqt is-seduta tal-lum il-25 t'April 2023;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni u ċioe':

(i) Iċ-ċertifikat tat-twelid tal-akkużata Anaise Sammut;

(ii) Il-Kundizzjonijiet ta' Rilaxx tal-Pulizija (Police Bail) datati d-9 ta' Frar 2023;

(iii) L-Stqarrija ffirmata tal-istess akkużata Anaise Sammut datata d-9 ta' Frar 2023;

(iv) Iċ-ċertifikat mediku maħruġ minn Dr. Jessica Pavia[1] li jikkonferma li Keith Azzopardi (K.I. 46793M) kellu ġrieħi ta' natura ħafifa (salv kumplikazzjonijiet);

(v) *Referral for Domestic Violence Unit* datat id-9 ta' Frar 2023;

(vii) Fedina Penali tal-akkużata;

(viii) Rapport tal-Pulizija bir-referenza GHQ/GBDV/270/2023 datat id-9 ta' Frar 2023;

Rat illi fix-xhieda tagħha Dr. Jessica Pavia kkonfermat iċ-ċertifikat mediku diġa' esebit in atti[2] b'dan li preżentat ukoll kopja tal-istess ċertifikat[3];

Rat illi fix-xhieda li ta waqt is-seduta tal-lum il-25 t'April 2023, Keith Azzopardi ddikjara li ma jixtieqx jixhed fil-konfront tal-imputata u talab li l-proċeduri fil-konfront tagħha jitwaqqfu;

---

[1] Ara Dok. JP2 li ġie kkonfermat bil-ġurament mill-istess tabiba waqt is-seduta tal-lum il-25 t'April 2023
[2] Ara Dok. JP2 li ġie kkonfermat bil-ġurament mill-istess tabiba waqt is-seduta tal-lum il-25 t'April 2023
[3] Ara Dok. JP1 li ġie kkonfermat bil-ġurament mill-istess tabiba waqt is-seduta tal-lum il-25 t'April 2023

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-ewwel imputazzjoni hekk kif dedotta fil-konfront tal-imputata hi li mingħajr il-ħsieb li toqtol jew li **tqiegħed il-ħajja tal-eks sieħeb tiegħek Keith Azzopardi li jiġi wkoll missier bintek Ivie Rose Azzopardi,** f'periklu ċar, volontarjament, u fil-preżenza tal-minuri Ivie Rose Azzopardi, ikkaġunajt ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa u ċioe' offiża ta' natura ħafifa fuq l-istess Keith Azzopardi u dan permezz ta' strument li jaqta' jew iniggeż, u bil-ponta u, hekk kif iċċertifikatu Dr. Jessica Pavia (M.D. 4451) miċ-ċentru tas-saħħa ta' Raħal Ġdid *ai termini* tal-Artikolu 214 u l-Artikolu 217 (fost oħrajn) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, liema reati jaqgħu fil-parametri ta' familja jew unita' domestika *ai fini* tal-Artikolu 2 tal-Kap. 581 tal-Liġijiet ta' Malta vjolenza domestika peress li l-akkużata u l-vittma għandha minuri komuni bejniethom;

It-tieni imputazzjoni hekk kif dedotta fil-konfront tal-imputata hija li għamilt lill-istess imsemmi Keith Azzopardi inġurji u / jew theddid mhux imsemmija band'oħra fil-kodiċi Kriminali jew jekk kont pprovokat inġurjajt b'mod li ħriġt barra mil-limiti tal-provokazzjoni, liema imputazzjoni hija ta' natura kontravvenzjonali *ai termini* tal-Artikolu 339(1)(e) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta 'Malta.

L-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tal-imputata jirreferu għal allegat aġir tal-istess imputata li seħħ fil-konfront tal-eks sieħeb tagħha Keith Azzopardi, li flimkien magħha għandu tifla minorenni. B'hekk l-imputazzjonijiet hekk dedotti fil-konfront tal-imputata għandhom jiġu kkunsidrati fil-kuntest ta' vjolenza domestika.

*Ai termini* tal-Artikolu 2 tal-Kap. 581 tal-Liġijiet ta' Malta, "***vjolenza domestika tfisser kull att jew ommissjoni li tinvolvi l-użu ta' vjolenza verbali, fiżika, sesswali, psikoloġika jew ekonomika li tirriżulta fi ħsara jew tbatija fiżika u, jew morali, inkluż it-theddid ta' dak l-att jew ommissjoni, sfurzar, jew iċ-ċaħda arbitrarja tal-libertà, li sseħħ fi ħdan familja jew unità domestika, kemm jekk l-awtur tar-reat jgħix jew kien jgħix fl-istess residenza mal-vittma jew le, u għandha tinkludi wkoll tfal li jkunu xhud ta' vjolenza fi ħdan il-familja jew unità domestika***"*.* Dejjem *ai termini* tal-Artikolu 2 tal-Kap.581 tal-Liġijiet ta' Malta "***familja jew unità domestika***" tinkludi fost oħrajn, (i) "***persuni li għandhom jew kellhom wild in komuni***".

Fid-dawl ta' dan u l-imputazzjonijiet hekk kif dedotti fil-konfront tal-imputata, l-Pulizija Eżekuttiva tista' tmexxi *ex officio* mingħajr il-ħtieġa ta' kwerela da parti tal-vittma. Pero' minkejja dan, il-Qorti trid iżżomm quddiem għajnejha wkoll dak provdut fit-tieni *proviso* tal-Artikolu 543(e) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, illi jipprovdi li "***iżda wkoll għandu jkun legali li, wara li jkunu nbdew proċeduri fil-qorti bis-saħħa ta' dan l-artikolu għal reat imsemmi f'dan il-paragrafu*** **[ossia reati li jinvolvu vjolenza domestika]**, ***vittma allegat ta' reat li jinvolvi vjolenza domestika tista' titlob lill-qorti li twaqqaf proċeduri kontra l-awtur allegat, u meta***

***ssir talba bħal dik il-qorti tista' tiddeċiedi u tordna li l-proċeduri kontra l-awtur allegat jitkomplew filwaqt li tingħata konsiderazzjoni partikolari għall-aħjar interessi tal-kwerelant, tal-minuri involuti, u xi terzi relevanti, u għandha tordna li dik it-talba u deċiżjoni jiġu reġistrati fl-inkartament tal-każ***".

Dan huwa eżattament dak li seħħ fil-każ in eżami.

Fix-xhieda li ta fis-seduta tal-25 t'April 2023, Keith Azzopardi ddikjara bil-ġurament tiegħu li ma jixtieqx jixhed kontra l-akkużata u li jixtieq iwaqqaf il-proċeduri kollha kontriha f'dan ir-rigward. Stqarr ukoll li qed jeżerċita d-dritt tiegħu li ma jixhidx sabiex ma jinkriminax lilu nnifsu.

Il-Qorti hawn tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Norman Cascun, Appell Nru. 233/19**, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-12 ta' Diċembru 2019, fejn ġie osservat illi:

"***l-Artikolu 543 tal-Kodiċi Kriminali* - li jagħti is-setgħa lill-Pulizija li jipproċedu *ex officio* f'kull każ li jinvolvi vjolenza domestika, intiża ai termini ta' l-Artikolu 2 tal-Kap. 581 tal-Liġijiet ta' Malta, irrispettivament min-natura jew forma tar-reat li jinvolvi tali vjolenza - *jippreskrivi sitwazzjoni fejn il-kontinwazzjoni ta' l-azzjoni kriminali mibdija ex officio, (a prescindere mill-fatt jekk ir-reat li jinvolvi vjolenza domestika jkunx wieħed minn dawk li jeħtieġu l-kwerela tal-parti offiża jew le - stante li l-Liġi hija siekta fuq dan) tista' tiġi mitmuma fuq deċiżjoni tal-vittma. Hawnhekk il-leġislatur ried li jintroduċi kwalifika għar-regola li azzjoni kriminali istitwita ex officio tibqa' miexja indipendentement mir-reċess jew remissjoni tal-parti privata sabiex fil-każijiet ta' vjolenza domestika jissalvagwardja l-interessi supremi tar-relazzjonijiet familjari (forsi biex jipprova jsalva dak li hu salvabbli u ma jkunx hemm attrit jew peġġjorament tar-relazzjonijiet interpersonali bejn membri tal-familja li fl-aħħar mill-aħħar ikunu jridu jibqgħu jgħixu flimkien taħt l-istess saqaf jew iżommu l-kuntest domestiku ta' bejniethom). Hawnhekk allura l-Liġi trid li tipprevali il-Grazzja fuq il-Ġustizzja fl-interess suprem tal-ħajja domestika u l-importanza li din għandha fil-kuntest soċjali tal-pajjiż. Iżda l-Qorti hija akkordata, per via eccezionale, u fil-każijiet appositi, id-diskrezzjoni li tmur kontra din ix-xewqa tal-vittma u tordna li l-proċeduri kontra l-awtur allegat jitkomplew. Fil-fehma tal-Qorti però l-enfasi tal-Liġi f'dan il-proviso qiegħed fuq l-għażla tal-vittma aktar milli fuq id-diskrezzjoni tal-Qorti*".

Għalkemm fil-każ in eżami r-reati li bihom qed tiġi mixlija l-imputata f'dawn il-proċeduri u l-fatti ċirkondanti l-istess ma jistgħux u ma għandhomx jiġu ikkunsidrati bħala insinjifikanti, mix-xhieda ta' Keith Azzopardi jirriżulta li m'għandu ebda interess fil-proċeduri odjerni peress li l-istess akkużata hija omm bintu u b'hekk figura importanti fil-ħajja tal-istess minorenni. Jidher għalhekk li bejn l-akkużata u Keith Azzopardi intlaħaq ekwilibriju għall-aħjar ġid u interess ta' bintu (tant li l-imsemmi Keith Azzopardi ddikjara bil-ġurament tiegħu li jrid li l-proċeduri

odjerni fil-konfront tal-akkużata jieqfu) u ċertament li ma jkunx għaqli li tkun din l-istess Qorti li tiddisturbah. Hawn għalhekk, kif ingħad fis-sentenza appena ċitata għandha "***tipprevali il-Grazzja fuq il-Ġustizzja fl-interess suprem tal-ħajja domestika u l-importanza li din għandha fil-kuntest soċjali tal-pajjiż***".

Apparti dak appena osservat, għal kull buon fini l-Qorti tosserva wkoll li mill-fedina penali tal-imputata jirriżulta li qatt ma xellfet difrejgħa mal-ġustizzja, tant illi għandha fedina penali netta;

Għal dawn ir-raġunijiet għalhekk, il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 543(e) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, in partikolari t-tieni proviso tal-istess, u l-Artikolu 2 tal-Kap. 581 tal-Liġijiet ta' Malta, tilqa' t-talba ta' Keith Azzopardi sabiex il-proċeduri kontra l-imputata jiġu mwaqqfa u konsegwentement tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tal-imputata b'dawn il-proċeduri.

Il-Qorti tordna li l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din id-deċiżjoni.

**MAĠISTRAT DR. ABIGAIL CRITIEN**
**B.A., Trib. Eccl. Melit., LL.M. (Family Law) (Lond), LL.D.**